**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 10 ta' Lulju, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs**

**Johan Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Johan Micallef detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 173575M

1. Akkuzat talli fid-19 ta' Lulju 2019 ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu gewwa l-bini tal-Qorti ta' Malta gewwa l-Belt Valletta, fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali, quddiem il-Magistrat Dr. Monica Vella LL.D. ta xhieda falza fi proceduri kriminali dwar

suggett għall-piena akbar mill-piena ta' prigunerija għal żmien sentejn sew kontra kemm favur il-persuna akkuzata skond Artikoli 104(1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Lulju, 2019 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti waqt l-udjenza ta' nhar it-3 ta' Lulju, 2020 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Rat il-Pre-Sentencing Report inserit a fol 65 tal-atti processwali fejn il-Probation Officer Maria Mifsud irrakkomandat is-segwenti:-

> F' dan il-kaz l-appellant ammetta ghall-akkuzi li qed jigu migjuba kontrih, ghaldaqstant fid-dawl tal-informazzjoni li ngabret u sabiex il-pjan ta' kura imfassal ikun jista' jintlahaq, qed jigi umilment suggerit lil din l-Onorabbli Qorti li Johan Micallef inghata Ordni ta' Probation fil-massimu taghha skond l-artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-ghan li f' dan il-perjodu l-appellant jindirizza certa aspetti fil-hajja tieghu cioe it-trawma li ghadda minnha meta kien zghir u l-uzu tal-Kannabis, sabiex eventwalment ikun jista' jkompli jghix hajja stabbli. Abbinata ma' din l-Ordni ikun hemm ordni ta' Trattament skond l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. B' din it-tip ta' sentenza ikun jista' jigi zgurat li l-ikkoncernat jinghata gwida adekwata, jkompli jahdem fuqu nnifsu filwaqt li jkun hemm element ta' deterrent qawwi kif ukoll l-element ta' riparazzjoni lejn is-socjeta' jigi wkoll milhuq.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Probation Officer fil-Pre-Sentencing Report li saret referenza ghalih aktar il-fuq.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 104(1), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tpoggih taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet u b'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali tpoggih taht Ordni ta' Trattament ghall-perjodu ta' tlett (3) snin taht il-kura tal-Psikologu Kevin Sammut Henwood u dan ukoll skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

**Magistrat**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**